MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1950/2004

**Rosalie Gauci bhala prokuratrici tal-assenti Annabelle Gauci**

**Vs**

**Dr Joseph u Josephine Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta Ottubru 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta' disa mitt Liri Maltin (Lm900) rapprezentanti valur ta refuzjoni tal-kumplament tad-depositu akkont li kienet halset fuq konvenju datat 9 ta Settembru 2003;

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mill-31 ta Lulju 2004.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fit-23 ta Novembru 2004 fejn ikkontestaw it-talba attrici fis-sens ta nuqqas ta kompetenza ta dan it-Tribunal stante li l-meritu relattiv ma

hux semplici money claim u fit-tieni lok u fil-meritu li t-talba hija nfondata fattwalment u legalment.

Ra n-Nota konguntiva pprezentata fis-seduta tas-6 ta Ottubru 2005 fejn il-partijiet qed jaqblu u jiftiehmu fuq diversi punti fattwali meritu tal-kaz odjern;

Sema` x-xhieda tal-konvenut Dr Joseph Tonna u ezaminat id-dokumenti kollha esebiti nkluz il-kopja tal-konvenju relattiv.

Illi minn nota konguntiva prezentata mill-partijiet huwa rilevanti l-punt li ebda parti ma sejhet lill-parti l-ohra biex tersaq ghall-kuntratt jew biex taghmel tajjeb ghal xi danni pretizi.
Illi mill-iskrittura ta estenzjoni li saret fuq it-terminu originali tal-konvenju jirrizulta li l-fond in kwistjoni ma kienx mibni skond il-permessi tal-bini tant li l-vendituri kienu ntrabtu li jirregolarizzaw l-istess sa mhux aktar tard mill-att finali;
Illi l-konvenju kien gie estiz sal-ahhar ta Lulju 2004 filwaqt li d-decizjoni tal-MEPA favur it-talba tal-konvenuti ttiehdet f'Dicembru tas-sena 2004 u dana dejjem skond ix-xhieda moghtija mill-istess konvenut;
Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li l-attrici nominee ma kellha ebda htija dwar in-nuqqas li kellu l-fond in kwistjoni dwar il-permessi necessarji u l-fatt li l-konvenuti ghamlu t-talba relattiva biex jissanzjonaw dan in-nuqqas, dan ghamluh ghal beneficcju taghhom u tal-proprjeta taghhom stess u mhux b'xi pjacir jew obbligu fil-konfront tal-attrici nominee qua kumpratrici liema sanzjonar sejjer iservihom ghall-eventwali bejgh favur ta terzi;

Ghaldaqstant in vista tal-premess t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, kwindi jilqa t-talbiet tal- attrici nominee u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici nominee s-somma kif mitluba ta disa mitt lira (Lm900) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------